**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 251/20 AL

A B

vs

C D B E

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu ġewwa r-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta nhar il-ħmistax ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (15/09/2008) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1734/2008 u dan kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

2. Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin mod de facto mis-sena elfejn u ħmistax (2015) filwaqt li s-separazzjoni ġiet konkluża permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr. Daniel John Bugeja datat tmienja u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax

(28/07/2016) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘B’;

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal ossia F B li twieled nhar id-disgħa u għoxrin t’ April tas-sena elfejn u disgħa (29/04/2009) u G B li twieled nhar id-disgħa u għoxrin ta’ Lulju tas-sena elfejn u ħdax (29/07/2011).

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati de facto mis-sena elfejn u ħmistax (2015) u permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr. Daniel John Bugeja datat tmienja u għoxrin ta’ Lulju tas-sena elfejn u sittax (28/07/2016) għalhekk ilhom separati u ma jgħixux flimkien għal aktar minn erba’ (4) snin matul l-aħħar ħames (5) snin preċedenti dal-umli rikors u b’hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-liġijiet ta’ Malta.

5. Illi dwar manteniment l-esponenti jiddikjaraw ai termini tal-Artikolu 5 (ii) tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni huma rrinunzjaw għall-manteniment versu xulxin. Filwaqt għal manteniment tal-minuri u a tenur tal-Artikolu 9 il-partijiet it-tnejn qegħdin jħallsu għal manteniment tat-tfal tagħhom;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-liġijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u dan a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għalhekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 t’Awwissu, 2020;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla, twiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena 2015 u legalment separati mit-28 ta' Lulju 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.